**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Frar 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Nurton Borg**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Nurton Borg ta' 24 sena bin Paul Borg u Maria Anna Borg nee Micallef imwieled il-Pieta nhar is-16 t' April 1996 u residenti numru 103 il-Horza, Triq il-Madonna tal-Gebla, Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 0185796M

Akkuzat talli :

1. Nhar it-22 ta' Jannar 2021 ghall-habta ta' 19:30 hrs gewwa Triq Tumas Fenech Qormi volontarjament ta n-nar lil vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni EAE992 tal-ghamla Ford Transit ghad-detriment ta' George Cutajar minn Hal-

Qormi u/jew ta’ persuni ohra, filwaqt li l-hruq setgha qabad bini iehor, gharix jew lok iehor fejn f’dak il-waqt kien hemm gewwa xi persuni.

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara volontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAE992 tal-ghamla Ford Transit ghad-dannu ta’ George Cutajar u/jew ta’ persuni ohra liema ammont ta’ hsara hu ta’ aktar minn €2,500

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ sejbien ta’ htija tikkundanna l-hati ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta’ parti mill-ispejjez li kellhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-proces verbal tal-inkjesta, hekk kif mahsub f’Artikolu 533 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ George Cutajar minn Hal-Qormi u tal-familjari tieghu.

2. Rat li fl-ewwel seduta l-imputat wiegeb li huwa hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu b’dan illi r-reat jinkwadra fit-termini tal-Artikolu 318 tal-Kapitolu 9, u mhux fit-terminu tal-Artikolu 317 tal-Kapitolu 9, u wiegeb li huwa hati tat-tieni imputazzjoni.

3. Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-16 ta’ Gunju 2022 fejn deherlu li tista’ tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

1. Fl-Artikolu 317(a)(i)(b) u 318 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
2. Fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
3. Fl-Artikoli 17, 31, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

4. Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigu trattati bil-procedura sommarja.

5. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

6. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   1. Fit-22 ta' Jannar 2021, ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' fil-ghaxija (7.30pm), il-Pulizija tad-distrett ta' Hal-Qormi rcievew rapport li kien hemm hruq ta' vettura gewwa Triq Tumas Fenech Hal-Qormi. Infethet ukoll inkjesta *in genere* dwar dan l-incident, li fiha gew mahtura diversi esperti.

   2. Il-vettura in kwistjoni kien vann tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni EAE-992, proprjeta ta' George Cutajar. Din il-vettura inharqet kwazi kollha kemm hi. Konsegwenza ta' dan in-nar garrbu hsara wkoll iz-zewg residenzi li hdejhom kien ipparkjat il-van.

   3. Mill-filmati tac-CCTV migbura mill-akwati ta' fejn sehh dan il-hruq, dehret vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni ACC-626 niezla fid-direzzjoni fejn sar il-hruq, u li fiha kien hemm zewg persuni. Il-passiggier fil-vettura nizel u beda miexi fuq il-bankina lejn il-vann Ford Transit fuq in-naha tax-xellug tieghu. Huwa kien liebes hoodie, u maskla tal-covid. F'idu kellu basket tal-plastik, li kien jikkontjeni fliexken tal-plastic. Kif resaq lejn il-vann, dehret fjamma kbira li qabdet il-vann. Il-passiggier telaq jigri, u rega' rikeb fil-karozza Toyota bin-numru ta' registrazzjoni ACC-626, li telqet minn fuq il-post.

   4. Mill-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija irrizulta li l-karozza Toyota kienet registrata fuq Kevin Micallef, pero kienet qed tigi misjuqa minn Luca Corrito. Dawn iz-zewg persuni gew arrestati mill-Pulizija. Minn iktar investigazzjonijiet irrizulta li l-passigier li kien fil-vettura Toyota u li qabbad il-vettura Ford Transit kien l-imputat.

5. L-imputat gie arrestat, u waqt l-istqarrija tieghu, hu ammetta li kien il-passiggier li nizel mill-vettura Toyota u li qabbad il-vettura Ford Transit bl-uzu ta' accellerant. Huwa qal li ghamel dan fuq istruzzjonijiet ta' Luca Corrito, li kien qed isuq il-vettura Toyota.

6. Ghaldaqstant ittiehdu l-proceduri kriminali kontra l-imputat, kif ukoll proceduri kriminali separati ohra kontra Luca Corrito.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

8. Meta sar l-ezami tieghu dak in-nhar li tressaq il-Qorti taht arrest, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu ta' hruq doluz, b'dan pero illi r-reat jinkwadra ruhu fl-Artikolu 318 tal-Kapitolu 9 u mhux fl-Artikolu 317. Huwa wiegeb li huwa hati tat-tieni imputazzjoni ta' danni volontarji fuq proprjeta ta' terzi.

9. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju,[1] l-Avukat Generali indika li, fil-fehma tieghu, mill-kumpilazzjoni tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 317(a)(i)(b), 318 u 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Din in-nota tar-rinviju ghal gudizzju hija replika tal-imputazzjonijiet originarjament addebitati lill-imputat dakinhar li tressaq il-Qorti taht arrest, biz-zieda tar-reat kontemplat fl-Artikolu 318 tal-Kodici Kriminali, li ghalih l-imputat ammetta li hu hati.

10. L-imputat ammetta fil-bidu nett ta' dawn il-proceduri li kien hu li haraq dolozament il-vann in kwistjoni. Il-kwistjoni li trid tiddetermina din il-Qorti hija jekk dan il-hruq jaqax fit-termini tar-reat ta' hruq b'perikolu komuni kontemplat fl-Artikolu 317 tal-Kodici Kriminali kif gie mixli fic-citazzjoni jew jaqax fit-termini tar-reat ta' hruq bla perikolu ghal hajja tan-nies kontemplat fl-Artikolu 318 tal-Kodici Kriminali kif qed jissottometti l-imputat.

11. Ghall-ahjar intendiment tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti, ikun opportun li dawn iz-zewg disposizzjonijiet jigu riprodotti:

[1] A fol. 406 tal-process.

12. L-Artikolu 317 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk:

*"Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(a) jekk il-ħruq iqabbad band'oħra, il-piena ta' priġunerija għal għomru:*

*Iżda jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel –*

*(i) jekk hu seta' jobsor li fil-waqt kien hemm xi persuna ġewwa l-bini, għarix, jew lok li ħa n-nar mill-ħruq, il-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin;*

*(ii) xort'oħra, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin;*

(b) *jekk il-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix, jew lok ieħor, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

13. L-Artikolu 318 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk:

*"Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, iżda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

14. Ghalhekk il-kwistjoni li trid tiddetermina din il-Qorti hija jekk il-vettura li giet mahruqa, waqt li ma kienx hemm persuni fiha, u cioe il-van Ford Transit, kienx qieghed b'mod li jista' iqabbad hruq f'bini iehor, gharix jew lok iehor. F'kaz affermattiv huwa applikabbli l-Artikolu 317 tal-Kodici Kriminali kif qed tissottometti l-Prosekuzzjoni, u f'kaz negattiv huwa applikabbli l-Artikolu 318 tal-Kodici Kriminali, kif qed tissottometti d-difiza.

15. Is-sors ta' dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi taghna huwa il-Codice del Regno Due Sicilie. Fil-fatt id-disposizzjonijiet originali tal-Kodici Kriminali taghna tal-1854 bil-lingwa Taljana huma kwazi kelma b'kelma identici ghad-disposizzjonijiet dwar l-incendju fil-Codice del Regno dello due Sicilie tal-1819. Konsegwentement, riferenza ghal awturi Taljani li jikkummentaw fuq id-disposizzjonijiet tal-Kodici Penali Taljan m'humiex ta' ghajnuna, stante li d-disposizzjonijiet tal-Kodici penali Taljan dwar l-incendju huma differenti minn dawk tal-Codice del Regno dello due Sicilie.

16. L-Artikolu 317 tal-Kodici Kriminali turi bl-iktar mod car li l-legislatur Malti, bhal dak tal-Codice del Regno dello Due Sicilie (Artikolu 439), ried li l-hati jigi kastigat mhux biss ghad-dannu li jkun effettivament ikkaguna, imma wkoll ghall-perikolu u d-dannu li kien hemm biza' li l-hruq seta jikkaguna kemm ghan-nies kif ukoll ghal bini li kieku n-nar mexa. Wiehed ma jridx jinsa li l-hati f'dan il-kaz ikun ghazel li juza' n-nar – element perikoluz immens, li l-effetti tieghu ma jistghux jigu ikkontrollati. Il-legislatur iqis l-att innifsu li wiehed iqabbad in-nar bhala att intrinsikament perikoluz u jrid li jkun hemm deterrent sabiex hadd ma jiehu r-riskju li jaghmel tali atti. Fil-fatt l-Artikolu 317 juza' l-kliem *"jista' jqabbad il-ħruq"* lill-fond abitat – il-mera possibilita li jqabbad hruq ghalhekk hija sufficjenti ghall-finijiet ta' dan l-Artikolu. Ghaldaqstant, la darba l-imputat volontarjament qabbad il-vann in kwistjoni, prova tal-potenzjalita li n-nar li gie mqabbad seta' mexa u qabbad fond abitat hija bizzejjed sabiex tinstab htija taht l-Artikolu 317.

17. Mill-provi jirrizulta ampjament li l-vann kien ipparkjat gewwa kaxxa bajda ghall-parkegg fi Triq Tumas Fenech Hal-Qormi, magenb il-hajt ta' wara tal-fond numru 8, liema fond kellu l-entratura tieghu minn Triq il-Helsien, u li huwa proprjeta ta' Mario Friggieri. Adjacenti ghal fond numru 8 hemm il-garaxx numru 4, fi Triq Tumas Fenech, li sovrastanti ghalih hemm il-gallarija tar-residenza numru 2, Cintianne, ukoll fi Triq Tumas Fenech, u dan il-fond huwa proprjeta tal-konjugi Vincent u Emanuela konjugi Vella. Fir-rapport tieghu, l-espert Dottor Daniel Vella jghid li *"n-nar li heggeg fuq il-vann kien irriducih fi stat tajjeb biss biex jinbiegh al spare parts u l-bqija jigi skreppjat."*[2] Dan jirrizulta wkoll mid-diversi ritratti ezebiti in atti.

[2] Ara fol. 232 tal-process.

18. Apparti li iddeskriva fid-dettal, il-hsarat kagunati lill-vann, l-espert Dottor Daniel Vella iddiskriva wkoll dak li huwa sejjah *"hsarat kollaterali"* li gew kagunati minhabba dan in-nar. Huwa jghid hekk:

*"Kagun tan-nar li heggeg fuq il-vann saret hsara lill-faccata ta' wara tal-fond numru 8, li kien jintlahaq minn Triq il-Helsien. Sid il-fond numru 8 huwa certu Mario Friggieri … … Il-hsarat kienu jikkonsistu fi hruq u tqarqic taz-zebgha tal-faccata, tidwib tal-ghata tal-alarm u hruq tal-insect screen tat-tieqa ta' wara tal-fond.*

*Saret hsara wkoll lill-faccata tal-garaxx numru 4, 'Liljoy' fil-forma ta' hruq taz-zebgha u depozitu generali ta' nugrufun."*[3]

19. Fin-nota taghha, id-difiza tissottometti hekk:

*"Illi mir-relazzjoni stess tal-esperti u mir-ritratti esebiti jidher car li n-nar fil-vettura mhux biss ma qabbadx hruq f'bini iehor izda lanqas seta' jqabbad hruq f'bini iehor tenut kont ukoll tal-post fejn kienet ipparkeggiata l-vettura. Tabilhaqq l-espert nominat imkien ma jghid li kien hemm xi periklu li n-nar jqabbad bini iehor u sahansitra jattribwixxi l-hsara bhala wahda kollaterali kif fuq spjegat."*[4]

20. Mill-provi migbura m'hemmx dubbju li ghalkemm gew kagunati danni lil zewg binjiet ohra adjacenti fejn kien ipparkjat il-vann, n-nar fil-vettura ma qabbadx hruq f'bini iehor. L-espert Dottor Daniel Vella spjega li huwa sejjah dawn il-hsarat kollaterali ghax kienu kagunati mis-shana tan-nar.[5] Pero ghal ragunijiet li ser jigu ippruvati iktar l-isfel, din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li n-nar fil-vettura ma setghax iqabbad hruq f'bini iehor, u allura ghandu jinstab hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 318 tal-Kodici Kriminali. Huwa vera li l-espert Dottor Daniel Vella ma dahalx fil-kwistjoni jekk kienx hemm xi periklu li n-nar iqabbad bini iehor. Dottor Vella huwa bniedem xjentifiku u mhux legali, u allura ma irrealizzax l-importanza ta' din il-kwistjoni fil-kamp legali, u illimita l-kostatazzjonijiet tieghu ghad-danni effettivament ikkagunati min-nar, jew konsegwenza tieghu. Pero, dan ma jfissirx li din il-Qorti ma tistax tasal ghal

[3] Ara fol. 237 tal-process.
[4] Ara fol. 432 tal-process.
[5] Ara fol. 420 tal-process.

konkluzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali jekk kienx jezisti dan il-perikolu li n-nar iqabbad bini iehor minn diversi provi ohra li jinsabu in atti.

21. Fl-ewwel lok, dan il-perikolu jirrizulta ampjament minn wiehed mill-filmati tac-CCTV ezebit mar-rapport tal-espert Dottor Martin Bajada.[6] Dan hu filmat minn CCTV camera installata fi Triq San Tumas u li tigi ezettament faccata tal-vann Ford Transit li gie mahruq. Fil-filmat jidher l-imputat javvicina l-vann. Ghal hin qasir, l-imputat jidher jinheba bejn il-vann u l-hajt tal-fond numru 8. Ftit wara l-vann jiehu n-nar f'daqqa minn fuq in-naha tal-passiggier u l-imputat jidher jahrab minn fuq il-post bil-giri.[7] Il-magistrat sedenti rat dan il-filmat personalment, u minnu setghet tikkonstata kif fi ftit minuti l-vann sar huggiega wahda, bid-duhhan tiela' minnu joghla iktar minn sular, tant li l-gallarija tal-konjugi Vassallo lanqas tibqa' tidher. Cirka zewg minuti wara li ha n-nar il-vann, jidher ragel jersaq vicin il-vann hdejn il-hajt tal-fond numru 8 u jerga' jitlaq jigri. Persuna ohra nehhiet vettura li kienet ipparkjata ezatt quddiem il-vann li kien qed jaqbad. Il-pumpieri waslu cirka tnax-il minuta biss wara li ha n-nar u zewg pumpieri damu diversi minuti sakemm irnexxielhom jitfu n-nar. Hu ovvju li likieku l-girien ma ndunawx prattikament mill-ewwel bin-nar, u sejhu l-pumpieri li waslu f'hin qasir, in-nar seta' facilment iqabbad ir-residenza numru 8 ta' Mario Ferriggi u r-residenza numru 2 tal-konjugi Vassallo.

22. Mir-rapport tieghu jirrizulta li l-espert Dr Daniel Vella deherlu li kellu jisma' biss ix-xhieda ta' George Cutajar, sid il-vann. Pero f'dawn il-proceduri xehdu wkoll diversi girien ohra li taw stampa cara ta' dak li gara.

23. Emanuela Vassallo xehdet li hi toqghod flimkien ma zewgha fil-fond numru 2, Cintianne, Triq Tumas Fenech, Hal-Qormi.[8] Hi xehdet kif fettlilha tittawwal mill-gallerija tar-residenza taghha fl-ewwel sular u rat il-van jaqbad. Hi spjegat kif in-nar kien l-gholi tal-vann kollu u jigi vicin il-gallarija. Hija bezghet li taqbad il-gallerija u harget il-barra mid-dar flimkien mar-ragel taghha. Vincent Vassallo, r-ragel ta' Emanuela Vassallo, ukoll xehed li pprova jitfi n-nar permezz ta' pyrene fire extinguisher izda ma

[6] Ara fol. 266 tal-process.
[7] Ara l-istills a fol. 280 u 281 tal-process.
[8] Ara fol. 50 *et seq.* tal-process.

rnexxielux.[9] Huwa ezebixxa r-ritratti tal-gallarija tar-residenza tieghu bir-railing tal-hadid, bin-nugrufun mal-faccata taghha, konsegwenza tan-nar li tqabbad mill-imputat. [10]

24. Mario Friggieri xehed li hu joqghod fil-fond numru 8, Triq il-Helsien, Hal-Qormi, u li wara tad-dar tieghu tigi fit-Triq Tumas Fenech. Hu spejga kif kien qieghed fil-garaxx, li jigi fi Triq San Tumas, u d-dar mibnija fuq il-garaxx. Fil-hin tal-incident, hu kien fil-garaxx meta sema' xi haga tfaqqa'. Hu miss it-tieqa ta' wara tal-garaxx b'idejh u kienet tahraq. Meta hareg u mar fi Triq San Tumas, ra il-vann jabqad u l-faccata tar-residenza tieghu kollha mdahhna. Hu beda jibza li bin-nar jinkiser il-hgieg tat-twieqi. Dan ma garax, pero il-faccata kollha ta' wara tad-dar imtliet nugrufun u tqarqcet iz-zebgha. Huwa ezebixxa wkoll ir-ritratti.[11]

25. F'dawn il-proceduri xehed ukoll Patrick Zammit li ghandu garaxx fi Triq il-Helsien Hal-Qormi.[12] Hu spejga kif certu Vince mar hdejh jitolbu pyrene fire extinguisher. Huwa mar hdejn Vince biex jippruvaw jitfu n-nar bil-pyrene, pero ma rnexxielhomx. Hu ra ghadira ta' dak li huwa sejjah zejt u diesel qed taqbad, u biex in-nar ma jkomplix jinxtered sab tapit u waddbu fuqha u tela' n-nar ghalih u garrab griehi f'wiccu u idejh. Dan gie konfermat ukoll mit-tabib Dottor Clayton Fsadni li xehed li ezamina lil Patrick Zammit fil-Floriana Health Centre, u kellu hruq f'idejh u f'wiccu.[13]

26. Mill-kunsiderazzjonijiet fuq esposti huwa car, li n-nar li qabbad l-imputat kien wiehed qawwi u perikoluz li, likieku ma giex kontrollat f'qasir zmien mill-pumpieri, kellhu l-potenzjalita li jahraq ukoll id-djar residenzjali adjacenti. Id-difiza taghmel riferenza ghall-fatt li r-railing tal-gallarija tal-konjugi Vassallo kienet tal-hadid, u allura ma tistax tiehu n-nar, fil-waqt li l-garaxx ta' Friggieri ghandu l-entratura tieghu fi Triq il-Helsien, sabiex turi li ma kienx hemm perikolu ghal dawn in-nies, ghalkemm fil-hin tal-akkadut dawn kienu fir-residenza rispettivi taghhom. Pero kif osserva Mario Friggieri fix-xhieda tieghu, kieku n-nar ma kienx ikkontrollat, kien hemm riskju serju li l-hgieg tat-twieqi jinkiser kagun tas-shana iggenerata bin-nirien, u b'hekk jaqbad il-kontenut tar-residenza tieghu. Dan japplika wkoll ghar-residenza tal-konjugi Vassallo stante li mir-ritratti

---

[9] Ara fol. 55 *et seq.* tal-process.
[10] Ara r-ritratti ezebita a fol. 62 sa 68 tal-process.
[11] Ara fol. 70 *et seq.* tal-process.
[12] Ara fol. 108 *et seq.* tal-process.
[13] Ara fol. 117 tal-process.

ezebiti juru bic-car li l-bieb li jaghti ghall-gallarija huwa maghmul minn frame tal-hadid jew aluminium u hgieg, li seta' facilment jinkiser ukoll bis-shana.

27. Pero, kif diga inghad, fortunatament ghal kulhadd, in-nar ma qabbadx dawn ir-residenzi u ghalhekk, il-Qorti ser issib lill-imputat hati ai termini tal-Artikolu 317(b) u mhux 317(a)(i) tal-Kodici Kriminali, u konsegwentement il-piena hija wahda inqas harxa ta' bejn minimu ta' tlett snin u massimu ta' hames snin prigunerija.

28. Fuq ammissjoni tieghu stess, kif ukoll minn dak li jirrizulta ampjament mill-provi, l-imputat huwa hati wkoll li ikkaguna danni volontarji lill-proprjeta ta' terzi, u li l-ammont ta' hsara jeccedi l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500).

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

29. Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li meta bdew dawn il-proceduri l-imputat kellu kundanna wahda minn dawn il-Qrati ghal serq ikkwalifikat li sehh fl-2015 u li ghaliha tqieghed taht ordni ta' Probation ghal zmien sena.

30. Huwa vera li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, pero in vista tal-fatt li hu ammetta biss ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 318 u mhux 317(b) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti xorta kellha tisma' u tezamina l-provi kollha daqs li kieku ma gietx registrata ammissjoni.

31. Huwa vera li fl-istqarrija tieghu l-imputat ikkopera b'mod shih mal-Pulizija, u indika b'ismu il-persuna li skond hu qabditu jaghmel dan il-fatt. Pero huwa wkoll vera, li a bazi tal-provi li kienu diga gabru, il-Pulizija kienu diga arrestaw lil din il-persuna in konnessjoni ma' dan ir-reat, qabel effettivament gie arrestat l-imputat.

32. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha d-difiza tghid li *"jirrizulta wkoll li l-esponenti ghamel progress sostanzjali kif rifless fid-diversi rapporti ipprezentati fil-kors ta' dawn il-proceduri, benche li kien hemm zmien ukoll li sab diffikultajiet biex jinfatam mid-*

*dipendenza tieghu fuq id-droga. Jirrizulta pero li minkejja dawn l-ostakoli baqa' jippersisti biex jkompli jirrihabilita ruhu."*[14]

33. L-imputat ghandu problema ta' dipendenza fuq id-droga, u ghal din ir-raguni, din il-Qorti poggietu taht ordni temporanja ta' supervizjoni. Fil-bidu ta' dawn il-proceduri, il-prospettivi kienu promettenti hafna, stante li l-imputat deher motivat u fis-16 ta' Frar 2021 beda programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mal-Agenzija Caritas.[15] Pero l-imputat gie sospiz mill-programm fl-20 ta' Mejju 2021, bil-possibilita li jibda evening programme. Dan ghaliex sabha difficli jadatta ruhu ghall-esigenzi tal-programm.[16] Fl-24 ta' Jannar 2022, l-Ufficjal tal-Probation informat lill-Qorti li l-imputat la kien qieghed jattendi l-appuntamenti maghha u lanqas mal-ufficjali tal-Caritas, u ma kienx qed jiehu bis-serjeta r-riabilitazzjoni tieghu.[17] Fit-12 ta' Mejju 2022, l-Ufficjal tal-Probation informat lill-Qorti li l-imputat rega' deher motivat li jaghmel evening programme mal-Caritas, u mhux interessat li jaghmel programm residenzjali, ghalkemm fl-opinjoni tal-Ufficjal tal-Probation l-imputat ghandu bzonn jaghmel programm residenzjali sabiex jahdem b'mod intensiv fuq id-diversi issues li ghandu.[18] Fis-27 ta' Novembru 2022, l-imputat inghata sentenza ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija wara li nstab hati fuq ammissjoni tieghu stess ghal diversi reati ta' serq li sehhu f'Settembru 2022. Fil-15 ta' Gunju 2023, l-Ufficjal tal-Probation infurmat lill-Qorti li ghalkemm l-imputat kien applika ghal programm ta' riabilitazzjoni, wara li l-Caritas ghamlu l-assessjar taghhom dwar il-motivazzjoni tieghu, gie deciz li l-motivazzjoni tieghu kienet wahda dubbjuza minhabba inkonsistenza u ma kienx qed izomm mal-care plan mfassal lilu fil-habs. Ghaldaqstant huwa tnehha minn fuq il-lista.[19] Fir-rapport taghha tal-5 ta' Jannar 2024, l-Ufficjal tal-Probation informat lill-Qorti li l-imputat attenda ghas-sessjonijiet tal-drug-psycho education gewwa l-habs, u kien qieghed jahdem fil-habs. Huwa kien qed jattendi wkoll ghal sessjonijiet mal-psikologa. Huwa kien skonta s-sentenza ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija fis-27 ta' Novembru 2022, pero ghazel jibqa' l-habs taht arrest

[14] Ara fol. 433 tal-process.
[15] Ara fol. 47 u 48 tal-process.
[16] Ara fol. 112 tal-process.
[17] Ara fol. 365 tal-process.
[18] Ara fol. 383 tal-process.
[19] Ara fol. 417 tal-process.

preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz.[20] Huwa rega’ esprima interess li japplika ghal programm ta’ riabilitazzjoni.[21]

34. Fid-dawl tas-suespost, lanqas din il-Qorti ma hija impressjonata li l-imputat huwa verament motivat li jindirizza l-problema tad-dipendenza tieghu fuq id-droga, u wisq tibza’ li l-attentati tieghu ghal dan l-iskop kienu u huma kollha biex iroxx il-bzar f’ghajnejn din il-Qorti li huwa verament motivat ibiddel hajtu, fl-isperanza ghal mitigazzjoni fil-piena. Pero anke jekk din il-Qorti kellha tasal biex tati l-beneficcju tad-dubbju li issa fl-ahhar l-imputat huwa verament motivat li jaqleb folja gdida, hija moralment konvinta li l-imputat mhux kapaci jaghmel dan, jekk dan ma jsirx waqt li hu jkun fl-ambjent konfinat tal-habs. Konsegwentement, l-piena idonea ghall-imputat fil-kaz odjern tista’ tkun biss wahda karcerarja. Dan apparti l-fatt li sentenza sospiza fil-kaz odjern ma tistax tinghata, stante li l-minimu tal-piena tar-reat li ghalih l-imputat instab hati u cioe l-Artikolu 317(b) tal-Kodici Kriminali hija ta’ tlett (3) snin prigunerija, u sentenza sospiza tista’ tinghata biss ghal massimu ta’ sentejn prigunerija.[22]

35. Pero l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li l-imputazzjoni ta’ hsara volontarja taht l-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali hija milquta b’dak li jipprovdi l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, stante li l-hsara li saret kienet konsegwenza tal-hruq tal-istess vettura ta’ George Cutajar.

36. George Cutajar xehed li l-vann kien xtrah u irrangah u gie jiswieh tmint elef Euro (€8,000). Id-dokumenti, u l-ircevuti relattivi kienu kollha fil-van, u inqered kollox konsegwenza tan-nirien. Dan kien ukoll l-vann li jahdem bih ghax-xoghol tieghu ta’ dulcier, u ovvjament id-distruzzjoni tieghu ikkagunatlu inkonvenjent kbir anke fix-xoghol tieghu.[23] Il-vann ma kienx inxurjat f’kaz ta’ hruq. Dan il-vann gie skreppjat fid-29 ta’ Jannar 2021[24] - u cioe gimgha wara l-akkadut.

37. Waqt ix-xhieda tieghu, Vincent Vassallo esebixxa stima ta’ elfejn, mitejn u tnejn u erbghin Euro (€2,242.00) sabiex jigu irrangati il-hsarat kagunati fil-faccata tar-residenza

[20] Ara fol. 435 sa 441 tal-process.
[21] Ara fol. 442 tal-process.
[22] Ara Artikolu 28A(1) tal-Kodici Kriminali.
[23] Ara fol. 33 tal-process.
[24] Ara xhieda ta’ Stephen Cachia in rapprezentanza tal-entita Transport Malta a fol. 88 tal-process.

tieghu konsegwenza tan-nirien.[25] Min-naha l-ohra, Mario Friggieri ezebixxa stima ta' elfejn u sitt Euro (€2006.00) sabiex isewwi l-hsara kagunata lir-residenza tieghu.[26]

38. Ix-xhieda ta' dawn il-persuni danneggati u l-istimi minnhom ezebiti ma giet bl-ebda mod kontradetta mid-difiza, u l-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha ma temminx ix-xhieda taghhom u l-istimi minnhom ezebiti.

39. Dan nonostante, u minkejja li l-imputat irregistra ammissjoni fil-bidu ta' dawn il-proceduri ghall-fatt li kien hu li haraq il-vann, huwa fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma wera x-xewqa li jikkumpensa lil dawn il-persuni d-dannu lilhom kagunat. In oltre mir-rapporti tal-Ufficjal tal-Probation, lanqas jirrizulta li huwa ghandu mezzi finanzjarji biex jaghmel dan. Fil-fatt jirrizulta li l-ahhar xoghol registrat tieghu kien f'Marzu tas-sena 2022, u mill-employment history tieghu jidher li jbiddel x-xoghol tieghu b'mod frekwenti hafna, u ma jdumx iktar minn ftit gimghat fl-istess impjieg.[27]

40. Rigward l-ispejjez tal-hlas tal-esperti, il-Qorti taqbel li jkun gust li l-imputat jigi ikkundannat ihallas nofs l-ispejjez ta' dawn l-esperti, stante li l-Pulizija ezekuttiva istitwew proceduri kriminali fuq l-istess fatti, kontra terza persuna.

**Konkluzjoni**

41. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reat kontemplat fl-Artikolu 318 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) issib lill-imputat mhux hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 317(a)(i) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) wara li rat l-Artikoli 317(b) u 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawn l-istess Artikoli, u

[25] Ara fol. 69 tal-process.
[26] Ara fol. 76 tal-process.
[27] Ara fol. 407 sa fol. 409 tal-process.

tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett snin u nofs prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

(4) In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas nofs l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**